# IL-FUNGU TA' MALTA

## GHERQ IS-SINJUR *JEW* GHERQ IL-ĠENERAL

Din ix-xitla li mill-bottaniċi issejħet *Cynomorium Coccineum L*, hi waħda minn dawk il-ħxejjex rari ta' art twelidna u li ma ssibhiex ħlief f'post wieħed. F'Malta ssibha fl-Irdum ta' Ħad-Dingli, u f'Għawdex fuq l-iskoll imsejjaħ Ħaġret il-Ġeneral u fuq Ġebla tal-Altar ma' ġenb id-Dwejra. Din ix-xitla l-ewwel li kiteb fuqha kien il-Kommendatur Malti tal-Ordni Abela, fl-1647 fix-xogħol tiegħu msejjaħ *Descrizione di Malta* maħruġ fl-1647. It-tieni li kiteb kien it-tabib Malti Bonamico fis-sena 1670; kiteb ukoll fuqha il-Boccone, li billi kellu x-xitla ta' Bonamico kiteb u pinġa din ix-xitla u taha l-isem ta' *Fungus Typhoides*. Dan kien fis-sena 1647. L-isem *Typhoides* tahulha billi din ix-xitla tixbah wisq lill-fjur tal-Buda. Din ix-xitla kienet miżmuma bħala ħaġa wisq għażiża, għax kienet isservi bħala duwa kontra l-fetħa u s-sabb (dissenterija); minħabba dina l-proprjetà ta' fejqan is-slaten ta' Malta kienu saħansitra jqabbdu żewġ għassiesa biex ħadd ma jmissha, biex hekk tkun tista' tinbagħat barra minn Malta. Għalhekk, kif qal il-kavalier Malti Boisgelin fl-opra tiegħu *Ancient and Modern Malta*, is-slaten żammew id-dritt illi ħadd ma jista' jiġbor din ix-xitla għaliex kienet tinbagħat bħala duwa lill-Kavalieri tal-Ordni, lill-Isptarijiet u lill dawk in-nies l-oħra li jitolbuha; u saħansitra lil xi prinċpijiet tal-Ewropa. Billi fuq il-Ħaġra tal-Ġeneral ma kontx tista' titla', kienu għa-

mlu ħabel b'saħħtu li miegħu kien hemm bħal kaxxa li tiflaħ żewġt irġiel ħalli dawn ikunu jistgħu jmorru jiġbru din ix-xitla għażiża. Il-lum mhux la kemm titla' billi l-ħabel li kien sar fi żmien is-slaten therra u qatt ma sar ieħor f'loku.

Din ix-xitla, għalkemm ma għandha x'taqsam xejn max-xtieli tal-fjuri, aktarx tagħtik l-idija ta' Fungu; b'dan kollu hi xitla tal-fjuri *Famerogana* b'divrenżja li hi parassita. Din insibuha tikber minn fuq l-egħruq ta' żewġ xtieli li huma: *Inula Crithmoides L.* (li bil-malti nsejħulha Xorbett, Xerbett jew Xorbeb) u fuq l-*Obione Portulacoides Moq.* Ta' l-ewwel issibha kullimkien, iżda, ta' l-aħħar nsibuha biss fejn hemm l-Għerq Sinjur.

Din ix-xitla, kif ġa għidna, hi rari wisq; iżda nafu li tinsab ukoll fi Sqallija, fl-Afrika ta' fuq, f'Sardinja, f'Kandja, fil-Palestina, fl-Arabja u fil-gżejjer Kanari. Nagħtu ftit tagħrif fuq din ix-xitla. L-ewwelnett din ix-xitla, li żżomm staġun biss, minn Marzu sa Mejju u mbagħad tmut, għandha x-xebh ta' maqbad tal-meħries. Il-lewn hu aktarx aħmar skur, jagħti fil-vjola, mingħajr weraq, jitla' dritt, wisq drabi jagħmel il-friegħi, imlaħħmin u aktarx tondi, għandha bħal egħruq ftit ħoxnin imsemmijin *Rizomi* (basal) li jikbru fuq l-egħruq tax-xtieli ġa msemmijin. Din ix-xitla malli taraha għandha tolqtok billi ftit u xejn stramba u billi ma għandha x'taqsam xejn ma' xtieli oħra. Issibha fi rqajja' rqajja' u f'xi snin bħal April tal-1920, 1926, 1931, u 1938 kibru tassew bil-qabda.

Barra mill-isem *Cynomorium Coccineum L.* li hu tabil-ħaqq isimha għandha wkoll ismijiet oħra; *Fungus Typhoides Coccineus Melitensis* (Boccone); *Fucus Spicatus Coccineus Melitensis* (Bonamico); *Cynomorium Coccineus Officinarum* (Miceli); bl-ingliż *Malta Fungus* u bit-taljan *Fungo di Malta.*

KARM. PENZA

---